MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Numru 16/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Joseph Camilleri**

Il-Qorti,

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Frar, 2012 minn fejn irrizulta li wara l-konvinzjonijiet necessarji l-eccezzjonijiet tad-difiza gew ezawriti u/jew irtirati.

Rat il-paragrafu 6 tar-risposta tal-Avukat Generali tat-13 ta' April 2010, n-nota spjegattiva tad-difiza tal-11 ta' Mejju, 2011 u l-oggezzjoni tal-Avukat Generali li l-persuni msemmijja jixhdu fil-guri stante n-nuqqas ta' rilevanza taghhom.

Wara li semghet lill-Avukat Generali u lid-difiza.

Ikkunsidrat :

Illi filwaqt li jista` jkun li x-xhieda huma irrilevanti, din il-Qorti ma tistax f'dan l-istadju tiddikjarhom hekk minghajr ma tisma l-kaz kollu u tara sa fejn x-xhieda taghhom tista` tkun rilevanti jew le. Kien ghalhekk li gurisprudenza ricenti in materia ssegwi l-insenjament li kwistjonijiet ta' rilevanza ghandhom jitqajmu u jigu decizi fil-kors tal-guri u mhux qabel. Wara kollox hu ben saput li kemm l-Avukat Generali kif ukoll d-difiza jindikaw xhieda *"ex abundantia et cawtela"* u mhux necessarjament ser itellghuhom kollha. Ghalhekk kollox jiddependi mill-andament tal-guri kif jittiehdu d-decizjonijiet minn ghandu jixhed jew le.

Ghalhekk, il-Qorti tiddeciedi li taccetta l-lista tad-difiza kif proposta fin-nota taghhom tat-12 ta' April, 2010, naturalment minghajr pregudizzju ghall-oggezzjoni tal-Avukat Generali li jqajjmu l-kwistjoni ta rilevanza waqt il-guri jekk u meta jkun il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------